# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Novembru, 2001.**

**Numru 14**

**Avviz numru 1401/99 MM**

**Pupulio Attard u wliedu Ganni, Marija mart Felic Calleja, Maria Dolores u Carmen u Guzeppi ahwa Attard u l-istess Guzeppi Attard bhala mandatarju ta' ohtu assenti Elena Borg.**

**vs**

**John u Janet konjugi Pisani.**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fid-29 ta' Jannar 2001, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat is-segwenti sentenza li biha laqghet it-talba ta' l-atturi biex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu somma rapprezentanti prezz ta' vjaggi ta' gebel :-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fid-29 ta' Settembru 1999 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma

ta' Lm997 rappresentanti prezz ta' vjaggi ta' gebel lilhom konsenjati mill-mejjet Vincent Attard.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra nterpellatorja tat-3 ta' Settembru 1999 kontra l-konvenuti u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' l-avviz, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-eccipjenti jecepixxu bir-rispett illi t-talbiet tal-atturi huma preskritti u dana ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom bhala werrieta tal-mejjet Vincent Attard.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti ma' ghandhom ihallsu ebda flus kif allegat mill-atturi ghall-vjaggi ta' gebel lilhom konsenjat mill-mejjet Vincent Attard.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra, u bl-ispejjez kontra l-atturi ngunti ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti giet deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Mejju 2000 liema sentenza saret definittiva u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti terga' tidhol fiha.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, rrizulta mill-provi li kien hemm relazzjoni kummercjali bejn Vincent Attard u l-konvenuti liema relazzjoni kienet tinvolvi garr u konsenja ta' gebel bid-diversi rati kif jidhru mid-dokumenti illi hemm esebiti f'dawn l-atti. F'dawn id-dokumenti hemm indikat l-isem ta' Ganni is-Suta. Dana huwa l-konvenut kif ammetta huwa stess fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2001. L-atturi minn nahha taghhom esebew id-dokumenti minn fejn irrizulta l-ammont illi huma qieghdin jitolbu minghand il-konvenuti. Il-konvenut minn nahha l-ohra ma gab l-ebda dokument jew ircevuta ta' xejn, allura la huwa kien qed jecepixxi l-pagament kien kompitu tieghu li jipprova illi dan il-pagament fil-fatt sar. Il-konvenut spjega li kull meta kien ihallas vjagg ma kienx

jinghata rcevuta izda kien iqatta l-karti kollha illi kien ikun hemm bejniethom cioe' bejn Vincent Attard u John Pisani. Jidher pero' li kien hemm xi partita jew konsenja illi ma gietx imhallsa u dina tidher ahjar kemm fil-librett li hemm esebit a fol 23 tal-process kif ukoll ghad-dokument illi hemm a fol 22 tal-process illi gie spjegat tajjeb mill-attur.

Il-Qorti jidhrilha illi l-atturi gabu provi bizzejjed biex jiggustifikaw it-talba taghhom u l-konvenuti ma ghandhomx alternattiva ohra hlief li jhallsu dan l-ammont illi hemm indikat fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi,
Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu s-somma ta' disgha mija sebgha u disghin lira (Lm997) rappresentanti prezz ta' vjaggi ta' gebel lilhom ikkonsenjati mill-mejjet Vincent Attard. Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenuti."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza. Din il-Qorti ser tikkonsidra l-aggravji taghhom kif minnhom sottomessi.

1. L-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti jirrigwarda c-cahda mill-ewwel Qorti ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnhom sollevata. Din l-eccezzjoni kienet giet deciza b'sentenza in parte tal-ewwel Qorti tat-2 ta' Mejju 2000, li biha gie deciz illi l-eccezzjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni b'terminu ta' tmintax-il xahar li kienet tiggverna azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut ma kienitx applikabbli ghall-fatti taht ezami. Dana ghaliex l-ewwel Qorti irriteniet, tajjeb jew hazin, illi "dan in-negozju hu wiehed sui generis u la tista' tghid li huwa bl-imnut u lanqas bl-ingrossa pero' hija operazzjoni kummercjali fil-veru sens tal-kelma u ghalhekk

dina tirrikjedi terminu preskrittiv differenti minn dak ikkwotat mill-konvenuti”. Wiehed jifhem hawnhekk li l-ewwel Qorti kienet qed talludi ghat-terminu preskrittiv kwinkennali fit-termini tas-subinciz (f) tal-istess artikolu 2148 tal-Kap. 16.

Minn din is-sentenza ma sarx appell a tempo debito u cioe' ma giex mitlub permess biex isir appell qabel is-sentenza finali u l-kawza pprosegwiet. Il-konvenuti naturalment kellhom il-jedd illi, kif provdut fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, jappellaw minn din is-sentenza in parte meta l-kawza tigi finalment deciza fil-mertu. Il-procedura pero' tirrikjedi ill appell minn sentenza in parte maghmul fis-sentenza finali kellu jkun wiehed specifiku b'riferenza preciza fir-rikors tal-appell billi l-appellant kien ihossu aggravat hu wkoll minn din is-sentenza in parte sewwa identifikata. L-appellanti kellhom allura fir-rikors tal-appell taghhom mhux biss jindikaw il-fatt tal-ghoti ta' din is-sentenza in parte imma fit-talba taghhom kellhom espressament jitolbu r-revoka jew ir-riforma taghha. Minn dan kollu l-appellanti odjerni m'ghamlu xejn u infatti filwaqt li hemm riferenza fattwali tad-decizjoni in parte tat-2 ta' Mejju 2000, fl-ewwel paragrafu tal-aggravju, ma tirrizulta l-ebda talba la fil-korp tal-premessi tar-rikors tal-appellu lanqas it-talba nfisha li din il-Qorti tirrevoka jew tirriforma dik is-sentenza. Din il-Qorti allura ma setghatx b'dan ir-rikors tikkonsidra appell minn din is-sentenza in parte u kellhali tqis li din kienet allura ghaddiet in gudikat bejn il-kontendenti.

2. Fir-rigward tat-tieni aggravju li l-atturi appellati kienu naqsu milli jgibu l-prova li turi li huma fil-fatt il-werrieta tal-mejjet Vincent Attard, il-persuna li kienet taghmel il-bejgh tal-gebel jidher li filwaqt illi hu minnu illi din l-eccezzjoni inghatat mill-konvenuti appellanti, huma fl-ebda hin waqt il-kawza quddiem l-ewwel Qorti ma nsistew fuq il-produzzjoni tal-provi aktar minn dawk illi attwalment gew imressqa quddiemha. L-eccezzjoni formali taghhom infatti ma giet bl-ebda mod trattata quddiem l-ewwel Qorti u jidher li kulhadd strah fuq il-prova li kienet tirrizulta mid-dikjarazzjoni causa mortis maghmula fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel tal-21 ta' Jannar 1998 u li minnu tirrizulta kjarament id-dikjarazzjoni illi listess Vincent Attard kien miet intestat u li halla bhala eredi tieghu skond il-ligi u fi kwoti ugwali lil missieru Publio Attard u lis-sitt hutu, atturi f'din il-kawza. Prova attendibbli u aktar minn sufficjenti biex tinnewtralizza din l-eccezzjoni li fuqha jistrieh dan l-aggravju li fil-verita' bl-ebda mod ma jikkontesta l-kwalita' ta' eredi tal-appellati jew poggiha fid-dubbju.

3. Fil-mertu l-appellati jsostnu li l-atturi kienu biss ipprocedew kontra taghhom in forza ta' prova cirkostanzjali dwar l-allegat debitu taghhom li kien irrizulta aktar minn sentejn dwar il-mewt ta' Vincent Attard minn dokumenti li kienu juru li f'xi okkazjonijiet Vincent Attard kien ghamel bejgh ta' xi gebel. L-appellanti jaffermaw li huma ma kienux jafu b'negozju ta' din ix-xorta u jsostnu illi l-atturi appellati ma pproducew l-ebda prova korroborattiva tad-dokumenti minnhom ezebiti. Mill-banda

l-ohra l-appellant John Pisani jammetti li kien jixtri l-gebel minghand Vincent Attard, spjega x-xorta ta' negozju li kien jaghmel mieghu u jsostni illi ma kienx jinghata ricevuti meta jhallas "ghaliex kull ma kien jigri kien li meta hu jhallas Vincent Attard kien iqatta' l-karta li fuqhom kien jikteb". Hu jikkontesta wkoll validita' tad-dokumenti ezebiti bhala prova tal-kreditu u jsostni illi "d-dokumenti …….. li nstabu fil-garaxx ta' Attard ma kienux dawk li fil-fatt kienu jintuzaw fuq ix-xoghol".

Dan l-aggravju fil-mertu hu kjarament wiehed ta' apprezzament ta' provi da parti tal-ewwel Qorti. Apprezzament tal-provi li din il-Qorti ta' revizjoni ma kellhiex tiddisturba bla raguni gravi in kwantu hi ma kienitx f'posizzjoni illi tapprezza l-mod kif kienu jikkomportaw ruhhom ix-xhieda u l-kontendenti quddiem l-ewwel Qorti kemm fl-ezami kif ukoll u aktar fil-kontro-ezami. Certament fil-kaz taht ezami d-dewmien da parti tal-eredi ta' Vincent Attard li jipprocedu ma kienx htija taghhom ghaliex, kif sewwa jirrilevaw, kif mehtieg li tintemm inkjesta magisterjali biex huma jkollhom access ghad-dokumenti personali tieghu li kellhom jigu rilaxxjati mill-Qorti kompetenti. L-ewwel Qorti jidher li apprezzat il-fatt illi dawn id-dokumenti tan-negozju kienu effettivament sewwa jirriflettu l-istat tal-attiv u l-passiv tal-istess Vincent Attard. Jidher li kienet sodisfatta illi d-dokumenti ezebiti kienu awtentici. Kienet hadet nota tal-fatt illi persuni ohra li f'dawk id-dokumenti jirrizultaw li kienu debituri ta' Vincent Attard effettivament hallsu d-dejn taghhom meta gew hekk interpellati biex jaghmlu u dana skond kif jirrizulta mill-istess dokumenti.

Hu sinifikattiv illi l-appellant John Pisani ma jidhirx illi qieghed jikkontesta bhala fatt li :-

(a) hu kien jinnegozja mal-istess Vincent Attard in kwantu kien jixtri gebel minghandu,

(b) illi l-partiti partikolari li jirrizultaw mid-dokumenti kienu akkwistati minnu u gew lilu kkonsenjati. Infatti fir-rikors tal-appell tieghu bl-ebda mod ma jikkontesta xi partita jew jadduci xi prova fir-rigward taghha illi hu ma kienx effettivament ordnaha u rcivieha.

Dan necessarjament iwassal ghall-konvinciment illi filwaqt illi n-negozju tal-bejgh u x-xiri tal-gebel kien fil-fatt sar u li l-konsenja tieghu kienet giet effettwata mill-venditur, il-kontestazzjoni kienet limitata ghall-prova dwar jekk il-kompratur kienx effettivament hallas jew le ta' dik il-konsenja. Din il-prova kienet kjarament tispetta lill-kompratur, f'dan il-kaz mill-appellanti. Dan sal-punt illi f'kaz ta' dubbju dwar il-hlas dan kellu jimmilita favur il-venditur u mhux favur il-kompratur. Issa jidher li l-ewwel Qorti apprezzat li mill-provi kien jirrizulta illi Vincent Attard kien debitament jinnota c-cirkostanzi tal-pagament fid-dokumenti li kellu. Annotazzjoni li fil-konsenja taht ezami ma tirrizultax. Inoltre jidher ukoll illi l-appellant John Pisani ma kienx notorju ghall-puntwalita' fil-hlasijiet minnu dovuti.

Dan kollu wassal lill-ewwel Qorti biex tiffavorixxi t-tezi illi l-atturi kienu adegwatament issodisfaw il-prova tal-premessi ghat-talba taghhom. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm raguni ghaliex kellha tiddisturba tali apprezzament li tqisu gust u korrett.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Dep/Reg mg